**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 23 ta' Marzu, 2018**

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Busuttil**

**vs**

**G B**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' G B detentur tal-karta ta' l-identita' numru 350759M

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Lulju 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma' persuna ta' taht l-eta' bil- hsieb li jitwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwita b' atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala persuna f' Malta, ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghal qligh, jew ghat-tqassim, jew ghal wiri, f' post pubbliku jew f' post accessibli ghal pubbliku, immanifattura, stampa jew xort' ohra ghamel, jew dahhal f' Malta, jew akkwista, zamm, iccirkola jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena jew xi oggett iehor, ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta' hawn fuq kemm jekk le,

Aktar talli fl-istess cirkustanzi akkwista, xjentement akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-eta'.

Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-eta' u cioe' A J X minuri ta' 15 il-sena u I G minuri ta' 16 il-sena.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq joghgobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli gewwa l-Isla, fis-16 ta' Lulju, 2016 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 89(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Aktar talli gewwa l-Isla fis-16 ta' Lulju 2016 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll il-provvedimenti ta' l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll li joghgobha tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll li f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Lulju, 2016 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti

Semghat il-provi.

Rat ir-Rikors kongunt tal-Avukat Generali u ta' l-akkuzat G B datat 2 ta' Marzu, 2018 ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta fejn sar patteggjament rigward il-piena.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat waqt l-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 208AA(1), 208A(1), 208(1), 208A(1B), 204(C)1 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll in-Nota ta' Pattegjament tat-2 ta' Marzu, 2018 u l-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah erba' snin u nofs (4½) prigunerija u multa ta' elf ewro (€1,000).

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ukoll ghal-perjodu ta' sentejn (2) millum taht il-kura tal-Psikjatra Jean Pierre Giorgio u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti jhallas lil dan tal-ahhar is-somma ta' Elf sitt mija tnejn u sebghin ewro u wiehed u erbghin ewro centezmu (€1,672.41c[1]) liema ammont jirraprezenta parti mill-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

[1] Rapport ta' l-espert Spizjar Godwin Sammut pg 118-126 (€283.20) u tal-espert Dr Steven Farrugia Sacco pg 133-159 (€1389.21)

Sabiex tigi protetta l-identita' tal-minuri l-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri koncernati u tal-familjari taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-materjal pornografiku esebit in atti liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni ta' Dr Steven Farrugia Sacco u tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tat-3 grinders dok JB 9, smoking pipe dok JB 10 u tad-droga dok JB 11 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**
**Deputat Registratur**